31994D0777

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-30 ta' Novembru 1994
li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski marini ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini li jorriġinaw mit-Turkija

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(94/777/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixi li l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' molluski marini ħajjin [1], u partikolarment l-Artikolu 9 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni wettqu żjara ta' spezzjoni fit-Turkija biex jivverifikaw il-kondizzjonijiet li fihom il-molluski marini ħajjin, l-ekinodermi, t-tunikati u l- gastropodi marini jiġu prodotti u mqiegħda fis-suq;

Billi l-leġislazzjoni Torka tagħmel il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali responsabbli għall-ispezzjoni tas-saħħa tal-molluski marini ħajjin, l-ekinodermi, t-tunikati u l-gastropodi marini u l-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet fl-iġene u s-sanità tal-produzzjoni; billi l-istess leġislazzjoni tagħti s-setgħa lill-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali biex jawtorizza jew jipproj-bixxi l-ħsad tal-molluski marini ħajjin, l-ekinodermi, t-tunikati u l-gastropodi marini minn ċerti żoni;

Billi l-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali u l-laboratorji tiegħu huma kapaċi li jivverifikaw b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet eżistenti fit-Turkija;

Billi l-awotoritajiet kompetenti Torok intrabtu li jikkomunikaw regolarment u malajr lill- Kummissjoni dettalji dwar il-preżenza ta' plankton li jkun fih it-tossini fiż-żoni tal-ħsad;

Billi l-aworitajiet kompetenti Torok ipprovdew assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mat-talbiet speċifikati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u mal-ħtiġiet ekwivalenti ma' dawk preskritti f'dik id-Direttiva għall-klassifikazzjoni tal-produzzjoni u taż-żoni marbuta magħhom, l-approvazzjoni ta' ċentri tad-dispaċċ u tal-kontroll tas-saħħa pubblika u l-monitoraġġ tal-produzzjoni; billi partikolarment kull bidla possibli fiż-żoni tal-ħsad għandha tkun ikkomunikata lill-Komunità;

Billi t-Turkija hija eliġġibli biex tkun inkluża fil-lista ta' pajjiżi terżi li jwettqu l-kondizzjonijiet ta' l-ekwivalenza referuti fl-Artikolu 9(3)(a) tad-Direttiva 91/492/KEE;

Billi l-proċedura biex jinkiseb iċ-ċertifikat tas-saħħa referut fl-Artikolu 9(3)(b) (i) tad-Direttiva 91/492KEE għandha tinkludi d-definizzjoni tal-mudell taċ-ċertifikat, il-lingwa(i) li biha għandu jiġi miktub, il-kwalifiki tal-firmatarji u t-timbru tas-saħħa li għandu jitwaħħal mal-pakkett;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(b) (ii) tad-Direttiva 91/492/KEE, iż-żoni tal-produzzjoni minfejn molluski marini ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini jistgħu jiġu maħsuda u esportati lejn il-Komunità għandhom ikunu magħżula;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(c) tad-Direttiva 91/492/KEE, lista tal-istabbilimenti minfjen l-importazzjoni ta' molluski marini ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini hija awtorizzata għandha tkun stabilitta; billi dawn l-istabbilimenti jistgħu jidhru fuq il-lista biss jekk ikunu approvati uffiċjalment mill-awotritajiet kompetenti Torok; billi huwa fid-dmir ta' l-awtoritajiet kompetenti Torok li jassiguraw li d-dispożizzjonijiet stabbiliti għal dan l-għan fl- l-Artikolu 9(3)(c) tad-Direttiva 91/492/KEE jkunu mħarsa;

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1.

Billi l-kondizzjonijiet speċjali tal-importazzjoni japplikaw mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet meħuda permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-akwakultura [1];

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Direttorat Ġenerali tal-Protezzjoni u L-Kontroll, tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali għandu jkun l-awtorità kompetenti fit-Turkija għall-ivverifikar u ċ-ċertifikar li l-molluski marini ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini jħarsu l-ħtiġiet tad-Direttiva 91/492/KEE.

L-Artikolu 2

Molluski marini ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini li jorriġinaw mit-Turkija u li huma ntiżi għall-konsum mill-bniedem, għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha jkollha magħha ċertifikat tas-saħħa oriġinali enumerat, kompletat kif suppost, iffirmat, bid-data u li jkun magħmul minn folja waħda skond il-mudell fl-Anness A t'hawnhekk;

2. konsenji għandhom jorriġinaw fiż-żoni tal-produzzjoni awtorizzati elenkati fl-Anness B t'hawnhekk;

3. għandhom ikunu magħluqa f'pakketti siġillati minn ċentru tad-dispaċċ approvat inkluz fil-lista fl-Anness C t'hawnhekk;

4. kull pakkett għandu jkollu marka tas-saħħa li ma' titħassarx, li jkun fiha, għall-anqas, l-informazzjoni li ġejja:

   — pajjiż tad-dispaċċ: IT-TURKIJA,

   — l-ispeċi (in-nameni komuni u xjentifiċi),

   — l-identifikazzjoni taż-żona tal-produzzjoni u ċ-ċentru tad-dispaċċ bin-numru approvat tagħhom,

   — id-data tal-ippakkjar, li tinkludi għall-anqas il-ġurnata u x-xahar.

L-Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati li huma referuti fl-Artikolu 2(1) għandhom jinkitbu mill-inqas f'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru ta' fejn titwettaq l-ispezzjoni.

2. Iċ-ċertifikati għandu jkollhom l-isem, il-pożizzjoni u l-firma tal-veterinarju tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali u s-siġill uffiċjali tiegħu, f'kulur differenti minn kull kitba oħra.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Novembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

li jkopri l-prodotti marini ħajjin

— **molluskoli bivalvi** (1)

— **ekinodermi** (1)

— **tunikati** (1)

— **gastropodi marini** (1)

li jorriġinaw fit-Turkija u ntiżi għall-konsum mill-bniedem fil-Kommunità Ewropea (1)

Nru ta' Referenza: .....

Pajjiż tad-dispaċċ: It-Turkija

L-Awtorità kompetenti: *Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali, id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni u l-Kontroll*

I. **Dettalji li jiddentifikaw il-prodotti**

— L-Ispeċi (l-isem xjentifiku): .....

— In-Nru tal-Kodiċi (meta disponibbli): .....

— Tip tal-ippakkjar: .....

— Numru ta'pakketti: .....

— Il-piż nett: .....

— Numru tar-rapport ta' l-analiżi (meta disponibbli): .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

— Iż-Żona awtorizzata tal-produzzjoni: .....

— L-isem u n-numru uffiċċjali approvat taċ-ċentru tad-dispaċċ: .....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

minn: .....

(il-post tad-dispaċċ)

lejn: .....

(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

L-isem u l-indirizz tal-konsennjant:

.....

.....

L-isem tal-kunsinnatarju u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni:

.....

.....

(1) Ħassar fejn ma' japplikax.

IV. **Affermazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti ħajjin speċifikati hawn fuq:

1) kienu maħsudin, meta meħtieġ imserħin, u ttrasportati skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti fil- Kapitoli I, II u III ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;

2) kienu mqandla, u meta meħtieġ ippurifikati, u ippakkjati skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti fil- Kapitoli I, II u III ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;

3) għaddew minn kontrolli skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;

4) huma f'konformità mal-Kapitoli V, VII, VIII, IX u X ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u għalhekk tajbin għall-konsum immedjat mill-bniedem.

Magħmul fi, ..., fil- .....
(il-post) (id-data)

Timbru

.....
firma tal-ispettur uffiċjali
(l-isem f'ittri kbar, il-pożizzjoni, u l-kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

L-ANNESS B

ŻONI TAL-PRODUZZJONI LI JADERIXXU MAL-ĦTIĠIET STABBILITI FIL-KAPITOLU 1 (1) (a) TA' L-ANNESS GĦAD-DIRETTIVA 91/492/KEE

Konfini ġeografiċi	Numru tal-kodiċi
Karaburun	I
Bosphorus	II
Il-bahar Marmara tat-Tramuntana	III
Id-Dardanelli	IV
Saroz	V
Ayvalik	VI

L-ANNESS C

LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI GĦALL-ESPORTAZZJONI LEJN IL-KOMMUNITÀ EWROPEA

L-isem u l-indirizz	Numru ta' l-approvazzjoni u data tal-iskadenza
Marsan — Eceabat	110 — tal-31.12.1995
Dardanel Onentas — Çanakkale	181 — tal-31.12.1995
Yavuz Mildon — Gelibolu	183 — tal-31.12.1995
Real — Ayvalik	203 — tal-31.12.1995
Artur I — Ayvalik	205 — tal-31.12.1995
Tuna — Istanbul	206 — tal-31.12.1995
Kerevitas Mersu Ancoker — Bursa	301 — tal-31.12.1995